MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 1524/2005

**Christopher Tonna 454867(M)**

**Vs**

**Mario Galea**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta’ Lulju 2005, fejn l-attur talab illi jithallas is-somma ta’ mitejn u ghaxar Liri Maltin (LM210) bhala hlas ghas-servizzi professjonali rezi lill-konvenut;

Ra r-risposta tal-konvenut ippresentata mill-konvenut fit-12 ta’ Awissu 2005;

Ra x-xhiedha ta’ l-attur Christopher Tonna moghtija b’affidavit pprezentat fil-5 ta’ Ottubru 2005 u l-anness

dokument u x-xhiedha ulterjuri tieghu moghtija fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2005.

Ra ukoll ix-xhieda tal-konvenut Mario Galea moghtija fis-seduta ukoll tad-9 ta' Novembru 2005.

Il-kawza giet trattata mill-partijiet fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2005 u l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal, filwaqt illi jinnota kull eccezzjoni u oppozizzjoni tal-konvenut ghall-hlas lilu mitlub, ma jistghax ma jaghmilx referenza immedjata ghal dak li xehed l-istess konvenut Mario Galea -
*Hu qalli u pproponieli biex jiena ntih li nista', imbaghad fuq l-ohrajn intihomlu bil-mod. Jiena dak il-hin ghalqat halqi, tajtu tmenin Lira (Lm80) u tlaqt il-barra.* (pg 3 of 5)
It-Tribunal ma jistghax ma jikkunsidrax dak il-hlas ta' tmenin Liri Maltin (Lm80) bhala hlas akkont ta' dak li kellu jhallas il-konvenut lill-attur u li allura, minkejja kull kontestazzjoni possibbli da parti tal-konvenut, f'dak il-mument li hallas Lm80 akkont, huwa irrenda ruhu responsabbli ukoll ghall-hlas tal-bilanc rimanenti, ossia tal-mitejn u ghaxar Liri Maltin (Lm210) rimanenti u mitlub fl-Avviz odjern.
It-Tribunal jinnota ukoll illi kull allegat ftehim li seta` sar wara fuq ammonti differenti ta' hlas kien kategorikament michud mill-istess attur u t-Tribunal ma jistghax ihossu komdu jaccetta illi qatt kien hemm xi ftehim ta' riduzzjoni tal-prezz mitlub mill-attur, lanqas verbali.
Finalment jigi osservat illi r-rendikont dettaljat pprezentat mill-attur gie kkontestat mill-konvenut b'mod generiku u t-Tribunal ma jistghax jasal biex jaccetta illi f'dak ir-rendikont (DOK A) jezistu *items* illi in effetti ma ghandhomx jirrizultaw, ossia ta' servizzi illi ma nghatawx.

**Konkluzjoni**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara illi ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz x-xhiedha u d-dokumenti prodotti u t-trattazzjoni ta' l-abbli Avukati difensuri tal-

partijiet, b’ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, jilqa` t-talbiet ta’ l-attur u jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur s-somma ta’ mitejn u ghaxar Liri Maltin (Lm210), ghar-ragunijiet dedotti fl-Avviz.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------